# IT-TABIB ĠUŻÈ BONNICI

*Nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru, fid-9 ta' fil-għaxija, il-ħbieb tal-Lsien Malti ġarrbu telfa kbira li mhux la kemm tissewwa: miet it-Tabib Ġużè Bonnici.*

Min, ftit jew wisq, ma mexiex ma' l-istorja tal-lsien Malti kif qed tissawwar u kif qed tinħadem il-lum, ma jifhimx x'qatt seta' kien, u x'baħħ ħalla wrajh, Ġużè Bonnici. Iżda min għex miegħu u ħadem miegħu fil-baħar tal-ħajja, daqqa sabiħ u safi, u daqqa mmewweġ u qalil; min, b'ruħ waħda u qalb waħda, ingħaqad miegħu bil-ħalfa li jmexxi 'l quddiem l-Ilsien li hu tagħna, jaf biżżejjed x'kienu jsarrfu l-imħabba, id-dehen u l-enerġija tiegħu. Kull fejn kien ikun hemm laqgħa ta' ħbieb jitkellmu fuq il-Malti, kont issibu qalbhom; kull meta kienet tinħtieġ xi għajnuna sabiex il-Malti jikber u jixxerred, kont issibu minn ta' quddiem li jidħol għaliha; kull meta kienet issir xi laqgħa tax-'Xirka' jew tal-'Għaqda', kont issibu hemm minn ta' l-ewwel, jitkellem, ifisser, u jara x'joħloq li jista' jagħmel il-ġid u jxerred fil-qalb tal-ġens Malti l-Ilsien li, jien naf, kemm ħadem u kemm seffaq wiċċu għalih.

U issa, meta kien qed iseħħ l-idijal li għalih ħadem, Bonnici ħalla dan il-wied ta' dmugħ biex igħix il-ħajja tal-paċi fis-Sema.

Imma, Ġużè Bonnici ma hux mejjet! Hu beda jgħix il-ħajja ta' l-immortalità. Għalina li nafuh qatt ma jista' jgħaddi minn moħħna li Bonnici mejjet. Għadna qed narawh qisu magħna, jaħdem magħna—u x'ħidma ta' taħbit! It-taħbit ma kienx jaqtagħlu qalbu; aktar ma kien jitħabat aktar kien jifraħ, għax kien żgur li akbar ser tkun ir-rebħa. Għadna narawh quddiemna b'dik il-pinna qawwija u bieżla jfisser ħsebijietu u jagħtihom lill-qarrej, bla tqanżiħ u bla tiġbid. Għadna naraw ismu mitbugħ fl-ogħla rivisti maltin u fl-aħjar kitba bil-Malti.

Hu mhux bħall-kotra tal-bnedmin għex biex igħix. Hu ma riedx li jgħix għalih waħdu u li jżomm dak li jaf għalih, imma ried li jgħallmu lil ħaddieħor u b'dik il-ħidma u b'dak it-tagħlim jagħmel il-ġid lil għajru. Għalhekk narawh, student fl-Università, mgħobbi bix-xogħol tqil li jitolbu l-istudji

universitarji, jaħdem u jagħmel propaganda fost sħabu biex hemm, fl-ogħla dar tat-tagħlim, tqum ċaqliqa li tgħin u tgħolli fil-ġieħ l-Ilsien Malti u tkabbar il-letteratura tiegħu. U dan il-ħsieb beda jseħħ taħt il-libsa tal-"Għaqda tal-Malti (Università)." Minn dak iż-żmien 'l hawn, fuq ix-xogħol li beda hu, imxew żgħażagħ oħra, dejjem imħeġġa u ħabrieka, u waqqfu sies qawwi fl-Università li ma jaqa' b'xejn : xegħlu fil-qlub ta' l-istudenti l-imħabba għal-Isien Malti.

Kienet is-sena 1931 meta taħt it-tmexxija tiegħu u tat-Tabib Rużar Briffa ħarġet mill-Università l-ewwel rivista letterarja bil-Malti. Dir-rivista *Leħen il-Malti* għadha toħroġ sal-lum, f'idejn ġodda ma għandniex xi ngħidu, imma dejjem baqgħet iżżomm, sħiħ u qawwi, prinċipju wieħed, idijal wieħed: "Titħabat u tgħin kemm tista' biex il-Malti jkollu letteratura li tixraqlu. Xejn iżjed u xejn inqas."

Jiġu quddiem għajnejna dawn ix-xogħlijiet li hu stampa:

1) F'LEĦEN IL-MALTI: *Quddiem il-mera*(April 1931); *L-Aħħar Lejla* (Lulju 1931).

2) F'IL-MALTI : *Mita tħobb* (Settembru 1926); *Għax miet* (f'żjieda għas-sena 1926); *Toninu* (Marzu 1927); *Paċikku* (Settembru 1927); *Ġenn* (Settembru 1928); *Bħal Socrate* ! (Settembru 1929).

3) Fil-'WARD TA' QARI MALTI': *Toninu* (l-ewwel ktieb); *Debħa f'ġieħ Melkart*; *Il-Għanja tas-'Salve Regina'* (it-tieni ktieb); *Thewdin ta' Missier*; *Il-Poeta u l-Kitba Tiegħu*; *Ġenn; Ħdejn is-Sodda tal-Mewt* (it-tielet ktieb).

Ġużè Bonnici bħala novellist inqegħduh minn ta' quddiem. Kienet ix-xejra lejn in-novelli, jew biex niftiehmu aħjar, tpittir ta' karattri b'xi ġrajja ħafifa u fil-qosor li għaddew minnha, illi ġibditlu l-ewwel darba l-ħajra u beda jikteb bil-Malti. Mhux l-istil tan-novelli ta' Temi Zammit imma stil ieħor, imfisser bħalhom b'kelma qawwija u bi ħsebijiet għolja. Nieħdu n-novella "Ġenn", *sketch* ħelu ħafna u maħdum bis-sengħa : il-bixra satirika li fiha, u d-dehra tal-bniedem miġnun jitkellem waħdu, jmaqdar lil min hu għola minnu, u jissaħħar wara l-ittri kbar tal-gradwati, kollox impitter ħaj u kollox donnok tarah jaqbeż quddiemek, biż-żejjed biex juru li Bonnici kien kittieb mill-aħjar. Ħareġ

ukoll f'dan iż-żmien li fih ħsiebu kien medhi fil-kitba tan-novelli, il-ktieb "Imħabba u Mibegħda" li biċċiet minnu ngħażlu u daħlu fil-'Ward ta' Qari Malti'. F'dan il-ktieb magħamilx bħal ħafna kittieba oħra qagħad idur ma' l-istorja ta' żmien il-Kavalieri, imma mar fil-bogħod taż-żmien qadim meta l-Feniċi kienu jaħkmu Malta. F'dan il-ktieb hemm impittrin, tajjeb u sabiħ, ftit mid-drawwiet u mill-ħajja ta' dak iż-żmien.

Imbagħad wara dax-xogħol kollu li kien juri bidu sabiħ, waqgħet fuqu bħal ħemda, ma baqax jikteb aktar, u nħeba għal ftit mill-ħsieb u mill-għajn tal-qarrejja, ħbieb tal-Malti. Kien hemm min ħaseb (u, ma naħbix, jien kont wieħed minhom) li lil Bonnici tlifnieh għal kollox mill-qasam tal-Kitba Maltija. Imma ma kienx hekk. Bonnici, wara ftit tal-mistrieħ, reġa' għall-ħajja attiva, f'saħħtu aktar minn qabel, qalil iżjed fil-fehma li jiġġieled sabiex isebbaħ aktar il-'futur' ta' l-Ilsien tagħna nazzjonali.

Telaq, b'riżq ħażin, dik ix-xejra tan-novelli li fiha laħaq ħassel isem, u qabad il-kitba tar-rumanzi li fiha, ma għandniex xi ngħidu, irnexxa wkoll għalkemm mhux bl-istess qawwa ta' l-oħra. Tana tliet rumanzi, wieħed minnhom ilu jiġri fl-idejn, "Il-Qawwa ta' l-Imħabba", li kien ħa premju fil-konkors imniedi mill-Gvern. Xħin taħseb li ġie ippremjat biżżejjed biex tinduna l-mertu letterarju li fih. Ieħor "Ħelsien", għalkemm għadu ma ħareġx għad-dawl, diġa jinsab imdaħħal bħala test fl-Università. F'dan insibu mqaxxra l-ħajja raħlija kif jaf iħossha u kif jaf ifissirha l-kittieb. U l-ieħor "Lejn ix-Xemx" li hu laħaq spiċċa ftit xhur qabel ma ntefa' fis-sodda, għadu ma rax id-dawl imma, nittamaw, li min ħa f'idejh li jiġbor il-kitba mhix mitbugħa tiegħu jara kif jagħmel u jfittex jistampah, u hekk l-Ilsien Malti jkun kiseb rumanz ieħor li ma jagħmilx għajb lil dawk l-oħra ta' qablu. Anzi, jien nista' ngħid, li ma' dan ir-rumanz Bonnici kellu qalbu marbuta sħiħ. 'Dan', kien igħidli, 'hu l-aqwa u l-ogħla biċċa xogħol li qatt għamilt s'*issa*'. Min kellu jgħidlu li dan kellu jkun ukoll l-aħħar biċċa xogħol ta' ħajtu! "*Lejn ix-Xemx*", donnu l-isem biss jurik li l-kittieb kien diġa qed iħares fil-għoli... lejn is-saltna sabiħa tas-sema.

U biċċa xogħol oħra bla mitbugħa huwa d-dramm "L-Imħabba aktar mill-Ħajja", l-imħabba ta' mara marida lejn żewġha li, għalkemm kien iħobbha wkoll, ma kienx juriha, anzi kien magħha indifferenti għal kollox: b'daqshekk, baqgħet qawwija f'imħabbitha lejh sa l-aħħar ta' ħajjitha...

Hu wkoll, ta' tabib li kien, ħa interess kbir fix-xjenza u ried igħallem lill-poplu Malti u jiftaħlu għajnejh dwar l-irqaqat tas-saħħa. U dan ma setax jagħmlu aħjar għajr li jikteb lill-poplu Malti bl-Ilsien Malti, u b'din l-idija ħareġ żewġ kotba "It-Trobbija tat-Tfal" u "Il-Ġmiel ta' Ġisimna".

Il-ħidma tiegħu ma kienet tieqaf qatt u mkien. Flimkien ma' Ġorġ Pisani, man-Nutar Toni Buttigieg u miegħi, waqqaf ix-'Xirka għat-Tixrid ta' l-Ilsien Malti' u kien l-ewwel President tagħha. Ħadem b'qalbu kollha għal din ix-'Xirka' bħalma dejjem ħadem għaż-żewġ għaqdiet l-oħra: "Il-Għaqda tal-Malti (Università)" li, kif għidna, kien hu li ta l-ewwel nifs tal-ħajja, u "Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li minn żmien kien wieħed mill-imseħbin l-aktar ħabrieka tagħha. Hu, minn jeddu, kien warrab minn President tax-'Xirka' mhux għax ix-xogħol beżżgħu jew għax kien dejqu, iżda mħabba li d-dmirijiet tiegħu ta' tabib kienu sejħulu għal art barranija fejn, bejn ħtija tal-gwerra u bejn ħtija tal-marda li nqalgħetlu, ma setax imur. Kienet kbira u kienet minn qalbu l-ħidma u l-għajnuna li ta lill-għaqdiet tagħna.

Fl-aħħarnett x'ingħidu għall-'Ġabra ta' Kitba Maltija'? "Il-għan ewlieni tagħha", jgħidilna Bonnici n-nifsu, "kien li jħajjar iż-żgħażagħ maltin jimirħu għal qalbhom fil-ġmiel tal-kitba u jgħinhom ilibbsuha l-libsa li tixirqilha biex aktar tingħoġob u taqlgħalhom il-ġieh li jistħoqqilhom... Il-kotba ta' din il-'Ġabra' huma s-sisien li fuqhom il-letteratura maltija għad tibni d-Dejr tagħha u għad jiġbru fuq min fassalhom u sawwarhom il-ħajr u l-għożża tal-ġens Malti." U nistgħu ngħidu, bla biża' li nitgħalltu, li l-ħsieb li fuqu nbniet din il-'Ġabra' laħqitu u laħqitu b'suċċess. F'sentejn, mill-1938 'il hawn, din il-'Ġabra ta' Kitba Maltija' tat lil Malta letterarja tnax-il ktieb, tnax-il biċċa xogħol li min jaf kemm swew jiem u ljieli ta' ħidma u ta' taħbit. Bonnici, taħt it-tmexxija tiegħu ma' tul is-sena 1938, stampa l-"Anġli tan-Niket" ta' Gino Muscat-Azzopardi, "Taħt Tliet Saltniet" ta' Ġuże Aquilina, "Leli ta' Ħaż-Żgħir" ta' Ġużè Ellul, u "Il-Qawwa ta' l-Imħabba" tiegħu stess; fl-1939 "San Ġwann" ta' Ġużè Galea, "Is-Salib tal-Fidda" ta' Wistin Born, "Ħelsien" u "Il-Ġmiel ta' Ġisimna" tiegħu stess, u "Sħaba Sewda —u Tnax-il Novella Oħra". Minn barra dawn stampa wkoll "Il-Għana ta' Dun Karm", ġabra ta' poeżija mqassma fi tliet kotba—poeżija li kulħadd jaf x'issarraf.

Hekk għadda ħajtu jaħdem u jitħabat, u jien nista' ngħid

li biex iħallas il-flus ħalli jkun jista' jmexxi l-kotba tal-'Ġabra' mhux darba u tnejn li qaxqax butu. X'jiswa—igħidu x'uħud li qatt ma ħassu ġibda lejn l-arti—taħli żgħużitek, tfaqqar butek, u tagħmel minn ħajtek ħajja ta' taħwid u ta' nkwiet? Tassew. Imma jiftakru dawn l-uħud li hemm miktub li l-bniedem 'ma jgħixx bil-ħobż biss'.

'Imut żagħżugħ min is-Sema jħobbu', u Ġużè Bonnici, meta bil-kemm kien għadu laħaq in-nofs tal-mixja tal-ħajja, ħalliena nitqabdu weħidna. Malta tilfet iben maħbub, il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" wieħed mill-aħjar kittieba tagħha, u aħna ħabib li kien igħożżna u li konna ngħożżuh. Hu jibqa' miftakar fl-istorja ta' lsienna bħala l-bniedem li ħadem sfiq u tajjeb għar-rebħa tat-tradizzjonijiet tagħna l-iżjed nobbli u l-aktar qaddisa.

Ġużè Chetcuti.